MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 261/2004

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**vs**

**Mario Muliett**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn tmien mija u tmenin liri Maltin (LM2,880), import ta’ kambjali minnu iffirmati u accettati, liema kambjali jinsabu hawn annessi u mmarkati Dok. 1 sa Dok. 30, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat sabiex ihallas. Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota pprezentata mill-konvenut fis-seduta tas-16 ta' Gunju, 2004; permezz ta' liema huwa ammetta it-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi, fuq ammissjoni tal-konvenut, tilqa t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u tmenin liri Maltin (LM2,880) bl-imghax mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali mertu ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------